Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 168/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**(1) Kar Wana Company Limited (C21029)**
**(2) William Joseph Caruana (Karta ta' Identita numru 309942M)**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:

Illi permezz ta' kuntratt fl- atti tan- Nutar Pierre Attard tas-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001) (Dok A) il-Bank attur kien ikkonceda lis-socjeta' konvenuta Kar Wana Company Limited facilita' ta' overdraft sas-somma ta' tletin elf lira maltin (Lm30000) taht il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl- istess kuntratt;

Illi l-konvenut l-iehor William Joseph Caruana kien ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali ma l-imsemmija Kar Wana Company Limited favur is-socjeta attrici u dana bhala garanzija ghal-hlas lura ta' l-imsemmija facilita ta' overdraft u kif ukoll ta' l-imghaxijiet relattivi u dan kif jirrizulta mill-annessa Guarantee Form – G1 (Dok B);

Illi l-bilanc dovut illum skond l-imsemmija facilita' ta' overdraft jammonta ghas-somma ta' tmienja u tletin elf seba mija u erba u sittin liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm38764.39) dovuta kwantu ghas-somma ta' disa u ghoxrin elf tmien mija sitta u disghin liri maltin u sittin centezmu (Lm29896.60) bhala bilanc ta' debitu ta' Kont Kurrenti Nrumru 11795230071 (Dok C) u kwantu ghas-somma ta' tmien t'elef tmien mija seba u sittin liri maltin u disa u sebghin centezmu (Lm8867.79) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Account' numru 11795230028 (Dok D), oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2003 sad- data tal-pagament effettiv;

Illi ghalhekk il-konvenuti b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta' attrici ta' l-imsemmija somma ta' tmienja u tletin elf seba mija u erba u sittin liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm38764.39) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad- data tal-pagament effettiv;

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-imsemmija somma izda baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1) tiddikjara illi l-konvenuti, b'mod solidali bejnithom, huma debituri tas-socjeta' attrici tas-somma ta' tmienja u tletin elf seba mija u erba u sittin liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm38764.39) dovuta kwantu ghas-somma ta' disa u ghoxrin elf tmien mija sitta u disghin liri maltin u sittin centezmu (Lm29896.60) bhala bilanc ta' debitu ta' Kont Kurrenti Numru 11795230017 (Dok C) u kwantu ghas-somma ta' tmient' elef tmien mija u sittin liri maltin u

disa u sebghin centezmu (Lm8867.79) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 11795230028 (Dok D) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2003 sad- data tal- pagament effettiv;

2) tikkundanna lill-konvenuti, b'mod solidali bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici l- imsemmija somma ta' tmienja u tletin elf seba mija u erba u sittin liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm38764.39);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti 'in solidum' inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru, qbid u inibizzjoni prezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti 'in solidum' li gew ingutni ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-ban attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2005;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet kollha attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u b'hekk tiddikjara illi l-konvenuti, b'mod solidali bejnithom, huma debituri tal-bank attur fis-somma ta' tmienja u tletin elf seba mija u erba u sittin liri maltin u disa u tletin centezmu

(Lm38764.39) kwantu ghas-somma ta' disa u ghoxrin elf tmien mija sitta u disghin liri maltin u sittin centezmu (Lm29896.60) bilanc ta' debitu tal-Kont Kurrenti numru 11795230017 u kwantu ghas-somma ta' tmint' elef tmien mija u sebgha u sittin liri maltin u disa u sebghin centezmu (Lm8867.79) bhala bilanc ta' debitu tal-'Interest Disposal Current Account' numru 11795230028 (Dok D) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti, b'mod solidali bejniethom, ihallsu lill-bank attur l- imsemmija somma ta' tmienja u tletin elf seba mija u erba u sittin liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm38764.39) u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2003 sad- data tal- pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti 'in solidum' bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------